L-Atti tal-Inkjesta datata 19 ta' Novembru 2019, rigward skont it-Termini ta’ Referenza ta’ l-Inkjesta Pubblika dwar l-Assassinju ta’ Daphne Caruana Galizia.

Seduta ppresjeduta mic-Chairman l-Imhallef Michael Mallia, il-Prim Imhallef Emeritus Joseph Said Pullicino, u l-Imhallef Abigail Lofaro.

Seduta miżmuma llum il-**Erbgha, 12 ta’ Awwissu, 2020** fid-09:30am fit-tieni sular, Awla 20, il-Qorti.

Meta ssejħet l-inkjesta dehru Dr. Therese Comodini Cachia u Dr. Jason Azzopardi. Dehru whud mill-membri tal-familja.

Deher Dr. Maurizio Cordina bhala Avukat tal-Istat.

Dr. Therese Comodini Cachia pprezentat dokument bil-mistoqsijiet u xi dokumenti konnessi, Dokument ES.

**Onorevoli Ministru Edward Scicluna** xehed bil-gurament u bil-Malti.

Waqt li kien qed jixhed l-Onor. Ministru Edward Scicluna, Dr. Jason Azzopardi pprezenta dokument “The Guardian” intitolat “Malta losing money 'hand over fist' from Azerbaijan energy deal, claim experts”, Dokument JA1; u esebixxa wkoll dokument “Scicluna accuses PN of interfering with Moneyval evaluation”, Dokument JA2.

Dr. Therese Comodini Cachia titlob sabiex il-Bord jordna lill-Professur Edward Scicluna bhala Ministru tal-Finanzi jew

rapprezentant tieghu, jipprezenta dokumenti relatati mal-hidma tal-istess Ministeru fuq entitajiet bhal Project Malta u l-Programme Review Board fir-rigward tal-progett tal-Electrogas u dan billi meta wiehed jara t-timeline ta' kif sehh dan il-progett fid-dawl tal-investigazzjonijiet u tal-pubblikazzjonijiet li kienet qeda taghmel Daphne Caruana Galizia hemm indikazzjonijiet cari illi l-motiv ghall-assassinju taghha jista' jinsab f'dan il-kuntratt u ghalhekk ikun importanti ghal din l-inkjesta biex wiehed jara d-dokumenti rilevanti li fuqhom jistghu jigu sostanzjati wkoll domandi.

Il-Bord wara li sema' l-ispjegazzjoni tal-istess Dr. Therese Comodini Cachia u l-istess Onor. Ministru Professur Edward Scicluna li ddikjara li ma ghandux oggezzjoni li ghal dak li jirrigwarda l-ghoti tal-garanzija dawn il-files jitpoggew a disposizzjoni ta' dan il-Bord, il-Bord jilqa' t-talba u jordna li d-dokumenti u files in konnessjoni mal-ghoti tal-garanzija li qeghdin fil-pussess tal-Ministeru tal-Finanzi jitpoggew a disposizzjoni ta' dan il-Bord.

Il-Bord qed jiddiferixxi l-inkjesta ghal nhar il-Erbgha, 19 ta' Awwissu 2020 sabiex jixhed il-Kummissarju tat-Taxxi Marvin Gaerty fid-9.30 a.m. u l-ex C.E.O tal-Planning Authority Johann Buttigieg fil-11.00 a.m.; u ghal nhar il-Gimgha, 21 ta' Awwisu 2020 sabiex jixhed Antonovich Muscat fid-9.30 a.m. u l-ex Kummissarju tal-Pulizija Lawrence Cutajar fl-9.45 a.m.

Rita Falzon
Bord tal-Inkjesta